IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

MT

# Stqarrija għall-Istampa

**Il-Lussemburgu, it-12 ta' April 2016**

## Tnaqqis tat-tniġġis minn nutrijenti fil-Baltiku: progress limitat u nuqqas ta' ambizzjoni, jgħidu l-awdituri tal-UE

**Skont rapport ġdid mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-azzjoni tal-UE għat-tnaqqis tat-tniġġis minn nutrijenti fil-Baħar Baltiku kellha biss effett limitat. L-awdituri sabu li l-pjanijiet tal-Istati Membri la huma ambizzjużi biżżejjed u lanqas ma għandhom indikaturi xierqa. L-investiment fl-infrastruttura tal-ilma mormi kien biss parzjalment effettiv, il-miżuri agrikoli ma jikkorrispondux mal-iskala tal-problema u huwa diffiċli li jiġi vvalutat il-valur miżjud tal-Istrateġija tal-UE għall-Baħar Baltiku.**

Il-Baltiku huwa wieħed mill-ibħra l-aktar imniġġsa tad-dinja. Tmien Stati Membri tal-UE (id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Iżvezja) kif ukoll ir-Russja għandhom fruntiera fuq il-Baħar Baltiku.

Bejn l-2007 u l-2013, l-UE kkontribwiet EUR 4.6 biljun għal proġetti ta' ġbir u trattament tal-ilma mormi f'ħames Stati Membri li għandhom fruntiera fuq il-Baltiku. Il-miżuri ta' żvilupp rurali, inkluża dik dwar il-protezzjoni tal-ilma, fit-tmien Stati Membri kollha li għandhom fruntiera fuq dan il-baħar, ammontaw għal EUR 9.9 biljun oħra. Barra minn hekk, mill-2001 sal-2014, l-UE kkofinanzjat proġetti b'valur ta' kważi EUR 50 miljun, fir-Russja u fil-Belarussja, għat-titjib tal-kwalità tal-ilma.

L-awdituri żaru tliet Stati Membri li għandhom il-kosta tagħhom fuq il-Baltiku (il-Finlandja, il-Latvja u l-Polonja) u wettqu stħarriġ fl-Istati Membri l-oħra kollha li għandhom fruntiera fuq il-Baħar Baltiku. Proġetti appoġġati mill-UE fir-Russja u fil-Belarussja ġew iċċekkjati permezz ta' dokumenti fil-Kummissjoni Ewropea. L-awditu eżamina jekk l-azzjoni tal-UE kinitx effettiva biex tgħin lill-Istati Membri jnaqqsu t-tniġġis minn nutrijenti fil-Baltiku. Il-konklużjoni ġenerali kienet li sar biss progress limitat.

*"It-titjib tal-kwalità tal-ilma fil-Baltiku jeħtieġ azzjoni aktar immirata kif ukoll aktar kooperazzjoni mar-Russja"* **qal is-Sur Ville Itälä, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport.** *"Baħar Baltiku nadif huwa l-ħolma ta' kważi 100 miljun persuna. Biex dan l-objettiv jintlaħaq, il-pajjiżi kkonċernati għandhom jagħmlu użu ħafna akbar tas-setgħat li għandhom".*

L-akbar sors ta' tniġġis tal-Baltiku huwa l-agrikoltura, jgħidu l-awdituri, u l-problemi prinċipali huma azzjoni insuffiċjenti u mmirar fqir. Pereżempju, fil-Polonja, 5 % biss tal-erja tal-art hija indikata bħala "vulnerabbli għan-nitrati", li jfisser li ma tiġix applikata protezzjoni intensiva tal-ilma fuq erja kbira biżżejjed. Min-naħa l-oħra, il-Finlandja kollha hija indikata bħala vulnerabbli għan-nitrati; dan ifisser li miżuri intensivi ma jiġux immirati lejn iż-żoni fejn dawn il-miżuri jinħtieġu l-aktar. L-awdituri jgħidu wkoll li r-rekwiżiti ta' skemi agroambjentali mhumiex dejjem stretti biżżejjed.

***L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.***

*Ir-rapport sħiħ jinsab fuq [www.eca.europa.eu](http://www.eca.europa.eu)*


# ECA Press

**Mark Rogerson – Kelliem T: (+352) 4398 47063 M: (+352) 691 55 30 63**

**Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa T: (+352) 4398 45410 M: (+352) 621 55 22 24**

**12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg**

**E: press@eca.europa.eu @EUAuditorsECA eca.europa.eu**

Minkejja finanzjament sinifikanti mill-UE għal proġetti tal-ilma urban mormi, id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Mormi damet ma ġiet implimentata u l-Kummissjoni Ewropea ma għamlitx segwitu f'waqtu tal-implimentazzjoni tagħha. Madankollu, il-kargi ta' nutrijenti minn żoni urbani tnaqqsu.

Proġetti kofinanzjati fir-Russja u fil-Belarussja tabilħaqq jidhru li huma kosteffiċjenti. Madankollu, l-implimentazzjoni miexja bil-mod, u l-proġetti huma żgħar wisq biex jilħqu l-livelli effettivi tal-ħtieġa. Pereżempju, il-livell ta' tniġġis minn nutrijenti minn Kaliningrad huwa t-tieni l-ogħla wara dak minn San Pietruburgu, iżda l-ebda wieħed mill-proġetti tas-servizzi tal-ilma u s-servizzi ambjentali, li ġew approvati għal Kaliningrad fl-2005, għadu ma ġie kkompletat.

L-awdituri jagħmlu għadd ta' rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni għandha:

- tirrikjedi li l-Istati Membri jindikaw żoni xierqa li huma vulnerabbli għan-nitrati,
- tivvaluta l-konformità mad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi aktar malajr,
- tippromwovi proġetti għat-tnaqqis tal-kargi ta' nutrijenti li qed jiġu skarikati fil-Baħar Baltiku mir-Russja u mill-Belarussja.

L-Istati Membri għandhom:

- jimmiraw skemi agroambjentali lejn iż-żoni fejn l-impatt fuq it-tnaqqis ta' nutrijenti huwa l-ogħla,
- jistabbilixxu rekwiżiti tal-programmi ta' azzjoni għan-nitrati bbażati fuq l-istudji l-aktar reċenti,
- jippjanaw u jibnu l-infrastruttura tagħhom tal-ilma mormi b'mod effiċjenti kemm jista' jkun.

**Noti lill-edituri**

L-"ewtrofikazzjoni" hija proċess li jseħħ meta eċċess ta’ nutrijenti ġġenerati fil-biċċa l-kbira permezz ta’ attività umana, prinċipalment in-nitroġenu u l-fosforu, jidħlu f’korp tal-ilma. Konċentrazzjonijiet għoljin ta’ nutrijenti jwasslu għal proliferazzjoni intensa u potenzjalment tossika tal-algi. Peress li l-Baħar Baltiku huwa kkonnettjat mal-oċeani tad-dinja permezz ta' kanali dojoq u baxxi, l-istess ilma jista' jibqa' fil-Baltiku għal sa 30 sena. B'hekk huwa aktar faċli biex il-livelli ta' nitroġenu u ta' fosfru biex jogħlew, u potenzjalment jikkawżaw problemi tas-saħħa fin-nies, fil-ħut u fl-annimali kif ukoll jagħmlu ħsara lil-lagi, lix-xmajjar, lill-ġibjuni u lill-artijiet mistagħdra.

L-għan tad-Direttiva Kwadru tal-2008 dwar l-Istrateġija Marina huwa li l-ilmijiet marini tal-UE jiksbu status ambjentali "tajjeb" sal-2020. Skont din id-Direttiva, jeħtieġ li l-Istati Membri jikkooperaw fil-livell tar-reġjuni u tas-subreġjuni biex jilħqu l-objettivi tad-Direttiva, bl-użu pereżempju, fejn dan ikun prattiku u xieraq, tal-istrutturi li diġà huma stabbiliti taħt il-Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali.

Għall-Baħar Baltiku, il-konvenzjoni rilevanti hija l-Konvenzjoni ta’ Helsinki (irregolata mill-Kummissjoni ta’ Helsinki (HELCOM)) u l-Pjan ta’ Azzjoni għall-Baħar Baltiku assoċjat li jirrikjedu li l-pajjiżi firmatarji jnaqqsu l-kargi ta’ nutrijenti li jiskarikaw fil-Baltiku.

Fl-2009, il-Kunsill Ewropew adotta strateġija makroreġjonali (l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku), li kellha l-għan, b’mod partikolari, li trawwen il-protezzjoni ambjentali, inkluż it-tnaqqis tal-kargi ta’ nutrijenti, billi tippromwovi żieda fil-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi ġirien u soluzzjonijiet innovattivi.

Ritratti b'riżoluzzjoni għolja huma disponibbli fuq is-sit web tagħna u jistgħu jerġgħu jintużaw, dment li s-sors jiġi rikonoxxut. Ilma marin ewtrofiku Sors: Il-HELCOM, ritratt minn SamuliKorpinen.

Ir-Rapport Speċjali Nru 3/2016 – "Il-ġlieda kontra l-ewtrofikazzjoni fil-Baħar Baltiku: tinħtieġ azzjoni ulterjuri u aktar effettiva" huwa disponibbli bi 23 lingwa tal-UE.